MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 14/2004

**Joseph u Carmel Vella**

**vs**

**Franklin Hili**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi f’gurnata tas-16 ta’ Marzu 2003, l-attur Carmel Vella kien qieghed isuq il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur l-iehor Joseph Vella, Toyota Hilux numru tar-registrazzjoni BBG 031 matul Triq Santa Marija, Zebbug – Ghawdex, Marsalforn, meta f’daqqa wahda il-vettura Mazda 626 numru tar-registrazzjoni CAA 353 proprjeta’ u misjuqa mill-konvenut Franklin Hili li kienet ghaddejja f’nofs tat-triq, kisret ghal fuq il-karreggjata illi fuqha kien ghaddej l-attur b’mod illi imblokkatlu t-triq u ikkawsat il-kollisjoni.

U peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek Franklin Hili minhabba illi inti inqast tosserva ir-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi soqt b'manjiera traskurata, u inqast illi izzomm a 'proper look out';

U peress illi d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal Lm799.07;

Ghid ghalhekk inti konvenut ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal;

1. jiddikjarak responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

2. jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' Lm799.07;

3. tikkundannak thallas lill-atturi din is-somma.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Settembru 2003 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabbilita' ta' Carmel Vella, is-sewwieq tal-vettura BBG 031, minhabba imperizja, traskuragni u ksur tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tieghu.

3. Illi ghalhekk il-konvenut mhux tenut ihallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed jigi ikkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi bhala l-valur tad-danni subiti billi d-danni huma ferm inferjuri minn kif pretiz.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Sema’ l-provi.

Ikkunsidra:

Hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif gara l-incident:

Skond l-attur huwa kien qieghed isuq fi Triq Santa Marija, Marsalforn, fuq sajdu, biswit il-linja safra doppja li hemm fil-gemb tat-triq, sejjer mid-direzzjoni tal-Qbajjar lejn Triq Marina, u waqt li kien qieghed idur il-liwja li hemm fi Triq Santa Maria gie rinfaccjat mill-konvenut. Huwa kiser lejn is-side-strip li hemm iktar lejn ix-xellug mil-linja s-safra, f’attentat sabiex jipprova jevita l-incident, imma l-konvenut dahal fuq sajdu, fin-nofs tat-trakk, u bl-impatt it-trakk dar biex prattikament gie jhares lejn il-bini li hemm fuq ix-xellug tat-triq (fuq il-lemin hemm il-bahar). Skond l-attur (verzjoni din mhix smentita mill-konvenut) il-karozza tal-konvenut baqghet imkahhla mat-trakk izda xi hbieb tal-konvenut gibduha lura ghall-post fejn tidher fl-iskizz.

Din il-verzjoni tal-attur giet moghtija *a tempo vergine* lis-surgent u ripetuta b’konsistenza mill-attur fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal. Passiggier mieghu kellu lil martu, li, *a tempo vergine*, is-surgent kellem separatament minn zewgha u kkorroborat il-verzjoni ghajr li l-attur qal li l-konvenut kien gej bi speed xi ftit qawwi mentri mart l-attur qalet li l-konvenut kien gej bi speed normali.

Skond il-konvenut, l-impatt gara fil-punt li mmarka bil-ittra “X” fuq l-iskizz (a fol 20). Huwa sab l-attur ma’ wiccu, l-attur gibed lejn ix-xellug, l-attur baqa diehel fih u l-attur kaxkru lura mill-point of impact ghall-posizzjoni murija fl-iskizz. Huwa qal li fil-punt minnu mmarkat “X” kien hemm il-hgieg li tnehha minn tal-fire engine.

Is-surgent Anton Schembri cahad li ra t-tifrik li s-soltu jirrizulta mill-impatt bejn zewg vetturi fil-punt muri mill-konvenut. It-Tribunal jikkunsidra l-verzjoni tas-surgent

ferm iktar fededenja, mhux biss ghax is-surgent huwa persuna newtrali imma wkoll ghax b'mod partikolari dan is-surgent huwa partikolarment preciz u metikoluz fix-xoghol tieghu, u zgur li mhux sejjer ihalli jiskappalu dettall daqstant importanti.

Ir-*res gestae* jismentixxu l-bqija tal-verzjoni tal-konvenut: kieku l-attur tabilhaqq kaxkru lura bit-trakk tieghu huwa u jdur lejn ix-xellug tat-triq, it-trakk tal-attur kien jispicca b'rasu lejn il-bahar, u mhux lejn il-bini. U l-hsara, li kienet fil-gemb lemini tat-trakk tal-attur, kienet tkun iktar mifruxa tul il-faccata u iktar "bi sbrixx" konsonanti ma' zewg vetturi jinhakku ma' xulxin. Invece d-daqqa ghalkemm mifruxa tul parti mill-gemb tat-trakk hija kkoncentrata l-iktar f'post wiehed – il-bieba leminija u pilastru tat-trakk tal-attur – u dan jispjega wkoll kif bid-daqqa t-trakk tal-attur dar lejn il-bini.

Del resto l-konvenut jammetti li kien hu li habat fuq l-attur u mhux vici-versa.

Fid-dawl tar-risultanzi processwali, it-Tribunal isib il-verzjoni tal-attur bhala wahda ferm iktar verosimili u kredibbli minn dik tal-konvenut.

Ghalkemm kien hemm eccezzjoni fis-sens li l-quantum tad-danni kien esagerat, ma tressqu l-ebda provi biex jikkontestaw l-ammont pretiz.

Ghar-rigward tal-attur Carmel Vella li kien is-sewwieq tal-vettura proprjeta' tal-attur l-iehor Joseph Vella, ma jirrizultax li dan issubixxa xi danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur Carmel Vella, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur Joseph Vella billi jsib lill-istess konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo htija tas-sewqan negligenti tieghu u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-attur Joseph Vella is-somma ta' LM799.07 danni minnu subiti kawza tal-istess incident bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-01.09.2003 a kariku tal-konvenut, salv l-

ispejjez tal-attur Carmel Vella li ghandu jbatihom l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------